MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 26/1999/1

JVJ Company Limited .

vs

Anthony Farrugia Company Limited .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandux jigi dikjarat minn din il-Qorti illi hu tenut jiehu lura eba' mitt pakkett kontenenti sitt fliexken ilma minerali Lora Di Recaro, illi gew depozitati that l-Awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola relattiva (numru 490/1997) wara illi gew debitament offruti lilek u ma gewx accettati minnek . Fil-fatt dawn gew mghoddija lis-socjeta attrici on consignment bi ftehim espress illi kemm-il darba ma jinbighux dawn kellhom jigu ritornati lilek socjeta' konvenuta .

Fit-tieni lok int ghandek tigi kkundannata sabiex thallas dak il-kumpens ghal kunsinnatarju liema kunsinnatarju qed jithallas hamsin centezmu (50c) kuljum sabiex izomm dawn l-oggetti li ilu hekk izomm mit-30 ta’ Ottubru, 1997, illi ghalhekk sal-lum jammontaw ghal mitejn u sittin lira Maltija (Lm260) flimkien ma’ dik is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti dovuta bhala hlas lil kunsinnatarju mid-data tal-prezenza ta’ din il-kawza sat-tmien taghha .

Bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi fuq rata kummercjali sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Marzu 1998 tac-cedola ta’ depozitu numru 490/1997 u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi ….
Rat il-verbal tal-kontendenti tal-20 ta’ Jannar 2000 fejn qablu li l-provi fil-kawza konnessa Avviz Numru 25/1999 fl-ismijiet : “Anthony Farrugia Company Limited vs. John Bartolo proprio et nomine” quddiem din il-Qorti wkoll, ghandhom jghoddu anke ghal din il-kawza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob fl-ewwel lok dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi s-socjeta’ attrici kienet tenuta tiehu lura l-pakketti ta’ l-ilma minerali li kienu gew formalment depozitati taht l-awtorita’ taghha permezz ta’ cedola ta’ depozitu[1], wara li l-istess socjeta’ rrifjutat li tiehu lura minghandha l-ilma li ma kienx inbiegh .

Qabel ma jigi ttrattat il-mertu ta’ din il-kawza pero’, trid tigi ttrattata eccezzjoni preliminari li tirrigwarda l-kompetenza ta’ din il-Qorti . Is-socjeta’ konvenuta tikkontendi illi gialadarba l-ammont mitlub huwa wiehed da likwidarsi, t-

[1] Dok. AA. 1 a fol. 22 .

talba tezorbita l-kompetenza ta’ din il-Qorti . Imma dan ma jidhirx illi huwa l-kaz, ghax infatti s-socjeta’ attrici tindika l-ammont preciz dovut sal-prezentata tal-kawza, li huwa ferm inqas minn elf u hames mitt lira (Lm1500), kif kienet il-kompetenza ta' din il-Qorti meta giet intavolata l-kawza prezenti . Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk michuda .

Dwar il-mertu rrizulta illi inqalghet kwistjoni bejn il-kontendenti dwar in-natura tan-negozju li kien hemm bejniethom, jekk dan kienx bejgh inkella spedizzjoni ta’ merci *on consignment* . Permezz ta’ sentenza ohra ta’ llum ukoll fil-kawza hawn fuq imsemmija, din il-Qorti qatghetha illi n-negozju guridiku bejn il-kontendenti kien wiehed ta’ spedizzjoni *on consignment* . Per konsegwenza is-socjeta’ “Anthony Farrugia Company Limited” ma kellha ebda raguni valida ghaliex tirrifjuta li tiehu lura l-merci mhux mibjugha minghand is-socjeta’ attrici prezenti . Jirrizulta ghalhekk illi din is-socjeta’ kienet gustifikata li, sabiex tezimi ruhha minn kull responsabilita’ dwar l-istess merci, gialadarba dawn kienu qed jigu rifjutati mis-socjeta’ konvenuta, taqbad u tiddepozitahom il-Qorti . Anzi ma kellha ebda triq ohra x’tiehu, ghax kieku zammet il-pussess ta’ din il-merkanzija, s-socjeta’ konvenuta kienet imbaghad tkun intitolata titlob il-hlas taghhom . F’tali cirkostanzi l-istess socjeta’ konvenuta ma messha qatt irrifjutat li tiehu lura l-prodotti mhux mibjugha u ghalhekk kwalunkwe spejjez dwar id-depozitu ta’ dawn il-merci taht l-awtorita’ tal-Qorti ghandhom ikunu a karigu taghha .

Is-socjeta’ attrici ipprezentat flimkien mal-kopja tac-cedola ta’ depozitu relattiva, kopja ta’ dikjarazzjoni dwar il-hlas li kien qed jiehu l-konsenjatarju sabiex izomm l-erba’ mitt (400) pakkett li gew depozitati ghand il-konsenjatarju msemmi f’dik ic-cedola[2] . Dan jghid illi kien qed izomm hamsin centezmu (Lm0.50) ghal kull gurnata tad-depozitu . Ma kien hemm ebda kontestazzjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta dwar din ir-rata, u l-Qorti thoss illi din hija ferm

[2] a fol. 23. .

ragonevoli tenut kont l-ispazju li necessarjament trid tokkupa tali mekanzija .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija tenuta tiehu lura erba’ mitt pakkett kontenenti fliexken ta’ l-ilma minerali tal-marka msemmija fl-Avviz, li gew depozitati taht l-awtorita’ taghha permezz tac-cedola ndikata, wara li gew debitament offruti lilha u ma gewx accettati; u konsegwentement

2. tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u sittin lira maltija (Lm260) rapprezentanti l-kumpens dovut lill-konsenjatarju ta’ dawn l-oggetti, bir-rata ta’ hamsin centezmu (Lm0.50) kuljum, sad-data tal-prezentata ta’dan l-Avviz, oltre hamsin centezmu (Lm0.50) ghal kull gurnata ohra minn dik id-data sa meta jingabru minnha minghand l-istess konsenjatarju .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tac-cedola ta’ depozitu ndikata, kontra l-istess socjeta’ konvenuta .
S2699Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------